# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 98**

**Citaz. Nru. 902/99GV**

**Doc. Nru. 52-01**

**Mary Rota u b'digriet tad-9 ta' Gunju, 1995 konfermata bhala kuratrici deputata biex tirraprezenta lill-assenti Joanne Vis nee' Rota**

**vs**

**Mary Camilleri u zewgha l-Kurunell Edwin Camilleri**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi b'decizzjoni tal-4 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Mary Camilleri u zewgha l-Kurunell Edwin Camilleri vs Mary Rota nomine", citazzjoni numru 1549/93 din il-Qorti laqghet in parte t-talbiet tal-atturi konjugi Camilleri billi ddikjarat li l-konvenuta Mary Rota nomine naqset mill-obbligazzjonijiet taghha li zzom il-fond - "Rhone", 57 Vjal Paceville f'San Giljan, akkwistat b'kuntratt ta' enfitewsi temporanja fit-22 ta' Lulju, 1987 pubblikat min-nutar Dottor Joseph Brincat, fi stat tajjeb, tatha xahrejn zmien biex taghmel ix-xogholijiet kollha ta' tiswija u ta' manutenzjoni li jkunu ndikati lilha mill-Arkitett Andrew Ellul, li rega' gie nominat mill-Qorti ghal dan l-iskop, u ddifferit il-kawza ghad-19 ta' Frar, 1999 sabiex dak in-nhar jidher il-perit biex jghid sarux sew u fiz-zmien moghti x-xogholijiet u tiswijiet mehtiega, u biex il-konvenuta Mary Rota ggib xhieda tal-hlas ta' dawk l-arretrati tac-cens li ma kienux depozitati;

Premess illi fis-seduta tad-19 ta' Frar, 1999 deher l-attur Camilleri assistit, li kkonferma li x-xogholijiet li kellhom isiru ma sarux u ma sar l-ebda hlas akkont tal-arretrati, il-konvenuta Mary Rota ma dehritx, u l-kawza giet deciza billi gew milqugha t-talbiet tal-atturi konjugi Camilleri, giet imhollija l-koncessjoni enfitewtika tat-22 ta' Lulju, 1987 fl-atti tan-nutar Dottor Joseph Brincat fuq il-fond f'San Giljan, Vjal Paceville jismu "Rhone", u gie ffissat terminu ta' xahrejn ghall-izgumbrament minn meta s-sentenza ssir finali;

Premess li din l-ahhar sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza, fit-termini tal-Artikolu 811 (1) tal-Kapitolu 12 billi l-inadempjenza kuntrattwali tal-konvenuta Mary Rota kellha tirrizulta u tigi kkonfermata mill-perit, nominat mill-Qorti ghal dan l-iskop fid-decizzjoni parzjali tal-4 ta' Dicembru, 1998, u mhux mill-kontro-parti;

Premess illi inoltre ghandu jigi rilevat illi skond is-sentenza tal-4 ta' Dicembru, 1998, il-konvenuta kellha taghmel dawk ix-xogholijiet kollha ta' tiswija u ta' manutenzjoni "li jkunu ndikati lilha mill-Arkitet Andrew Ellul", izda l-Arkitet Andrew Ellul fl-ebda hin mid-data tas-sentenza tal-4 ta' Dicembru, 1998 sad-data tat-tieni sentenza tad-19 ta' Frar, 1999 ma kkomunikax mal-konvenuta kif kien fi dmir li jaghmel bhala l-perit nominat mill-Qorti ghal dan l-iskop sabiex "jindikalha" x-xogholijiet kollha ta' tiswija u ta' manutenzjoni" li kellha taghmel u b'hekk il-konvenuta giet reza f'posizzjoni mpossibbli li taderixxi mat-termini tas-sentenza tal-4 ta' Dicembru, 1998;

Premess li l-attrici qed tannetti l-infraskritta garanzija ghall-ispejjez fit-termini tal-Artikolu 815 tal-Kapitolu 12;

Ghaldaqstant, l-attrici nomine talbet lil din il-Qorti, in vista tal-premess:

1. Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet "Mary Camilleri et vs Mary Rota nomine", Citazzjoni numru 1549/93, deciza fid-19 ta' Frar, 1999, billi din ittiehdet in kontravenzjoni tal-Artikolu 811 (1) tal-Kapitolu 12 kif fuq intqal cioe'

billi kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza, prevja li qabel xejn thassar u tirrevoka l-istess decizzjoni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici nomine a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 42 tal-process fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament l-illegittimita' tal-persuna ta' l-attrici ghaliex id-digriet tan-nomina ta' kuratur kien wiehed ta' legitimazzjoni passiva u mhux attiva u konsegwentement in-nullita' tac-citazzjoni;

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-inidoneita' tal-garanzija u tal-garanti u qed issir oggezzjoni wkoll a tenur ta' l-art. 893 tal-Kodici ta' Procedura Civili u fi kwalunkwe kaz ma gewx osservati r-rekwiziti ta' l-art. 266 tal-Kodici ta' Procedura Civili - dan iwassal ghan-nullita' tac-citazzjoni;

3. Illi ma kien hemm ebda "zball li jidher mill-atti tal-kawza" a tenur ta' l-art. 811 (1) tal-Kodici ta' Procedura Civili: il-gurisprudenza u l-ligi taw interpretazzjoni ben diversa tas-sub-artikolu, kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi jigi appena rilevat illi kien id-dmir tal-parti li ssegwi mal-Perit u mal-atti tal-kawza. Hija prassi illi huwa d-dmir tal-parti li ssegwi u mhux tipprova tinkombi lill-Perit Gudizzjarju u li la darba espleta l-inkarigu u r-rapport sar pubbliku, l-attrici kellha kull opportunita' u d-dover li tivverifika u ghalhekk "*imputat sibi*";

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet a fol. 48 li bih il-Qorti ordnat l-allegazzjoni ta' l-atti tal-kawza M. Camilleri vs M. Rota deciza 4/12/98 GCD;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li din il-Qorti: tordna r-ritrattazzjojni tal-kawza fl-ismijiet Mary Camilleri et vs Mary Rota noe Citaz. Nru 1549/93 deciza fid-19 ta' Frar, 1999 billi din ittiehdet in kontravenzjoni ta' l-artikolu 811(l) tal-Kap 12 billi kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza, prevja li qabel xejn thassar u tirrevoka l-istess decizjoni.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew**:** l-illegittimita' tal-persuna ta' l-attrici ghaliex id-digriet tan-nomina ta' kuratur kien wiehed ta' legittimazzjoni passiva u mhux attiva u konsegwentement in-nullita' tac-citazzjoni; l-idoneita' tal-garanzija u tal-garanti u qed issir oggezzjoni wkoll a tenur ta' l-art 893 tal-Kap 12 u fi kwalunkwe kaz ma gewx osservati r-rekwiziti ta' l-art 266 tal-Kap 12 u dan iwassal ghan-nullita' tac-citazzjoni; illi ma kien hemm ebda "zball li jidher mill-atti tal-kawza" a tenur ta' l-art 811(1) tal Kap 12. Il-gurisprudenza u l-ligi taw interpretazzjoni ben diversa tas-subartikolu;

illi d-dmir tal-parti hu li jsegwi mal-Perit u ma l-atti tal-kawza. Hija prassi illi huwa dmir tal-parti li ssegwi u mhux tipprova tinkombi lill Perit Gudizzjarju u li la darba espleta' l-inkarigu tieghu u r-rapport sar pubbliku l-attrici kellha kull opportunita' u d-dover li tivverifika u ghalhekk "*imputat sibi*"

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Illegittimita' tal-persuna**

Il-konvenuti qed jissottomettu li l-attrici ma setghetx legittimament tidher ghan nom ta' Joanne Vis nee Rota fl-atti ta' din il-kawza minghajr prokura ad hoc. Hi ma setghetx tuza d-digriet tad-9 ta' Gunju, 1995 fl-atti ta' kawza ohra li giet deciza precedentement u ghalhekk l-effett tad-digriet skada.

Tikkunsidra

Illi bid-digriet imsemmi l-attrici kienet giet konfermata bhala kuratur deputat ta' l-imsemmija Joanne Vis nee Rota fl-atti kollha relattivi tal-kawza u sussegwenti. (ara fol. 17 fil-process anness). Il-kawza prezenti hija sussegwenti ghal l-ewwel kawza u tkompli maghha tant li l-konvenuti qed jissuggerixxu li dan hu *terzo appello* minnha.

**Inidoneita' tal-garanzija offruta**

Dwar din l-eccezzjoni jirrizulta li kienet saret garanzija addizzjonali li kienet giet accettata mill-Qorti.

**Ritrattazzjoni**

Illi l-attrici qed titlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza fuq imsemmija billi din ittiehdet in kontravenzjoni ta' l-artikolu 811(l) tal-Kap 12 billi kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza.

L-artikolu 811(1) jipprovvdi li:

*where the judgment was the effect of an error resulting from the proceedings or documents of the cause.*

*For the purposes of this paragraph there shall be deemed to be such error only where the decision is based on the supposition of some fact the truth whereof is incontestably excluded, or on the supposition of the non-existence of some fact the truth whereof is positively established, provided that, in either case, the fact was not a disputed issue determined by the judgment.*

L-attrici qed tissottometti li skond is-sentenza in parte tal-4 ta' Dicembru, 1998 hi kellha taghmel dawk ix-xogholijiet kollha ta' tiswija u ta' manutenzjoni li jkunu ndikati lilha mill Perit Andrew Elllul izda dan fl-ebda hin mid-data tal-imsemmija sentenza sad-data tat-tieni sentenza tad-19 ta' Frar 1999 ma kkomunika maghha sabiex jindikalha x-xogholijiet kollha li kellhom isiru; u fit-tieni lok fid-19 ta' Frar, 1999 il-Qorti ma messietx iddecidiet il-kawza fl-assenza tal-Perit u l-inadempjenza taghha kellha tirrizulta u tigi konfermata mill-perit u mhux mill-kontro-parti.

"Ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lumeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggovernaw l-istess istitut huma ta' interpretarzzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest ta' ritrattazzjoni, il litigant sokkombent ikun jista' jerga jiftah il-kawza, u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza".

**(sentenza Rev.Sac.Don.G.Aquilina vs F.Aquilina tal 18 ta' April 1958 Vol XL11 p 227).**

**Sentenza tal- 19 ta' Frar, 1999**

Fis-sentenza msemmija l-Qorti, wara li rat li l-konvenuta (l-attrici f'din il-kawza) m'ghamlitx it-tiswijiet u x-xogholijiet li riedet is-sentenza tal-4 ta' Dicembru, 1998 fiz-zmien li nghatalha, laqghet it-talbiet ta' l-atturi. Fil-verbal ta' dik is-seduta hemm imnizzel li l-konvenuta ma kinitx dehret ghalkemm imsejha diversi drabi. L-attur

iddikjara bil-gurament li x-xogholijiet li kellhom isiru skond is-sentenza tal-4 ta' Dicembru, 1998 baqghu ma sarux u ma sar ebda hlas akkont ta' l-arretrati u l-Qorti ghaddiet ghad-decizjoni.

Fil-kaz in ezami l-attrici qed tippretendi li hemm zball ghax il-perit ma kkuntattjahiex biex jindikalha t-tiswijiet li kellhom isiru u ghaliex kienu l-atturi li kkonfermaw l-inadempjenza taghha u mhux il-perit.

Dwar l-ewwel sottomissjoni, cioe' li l-perit ma ndikax lill-attrici t-tiswijiet li kellhom isiru l-Qorti tirrileva li ma sar ebda zball.

L-istitut ta' ritrattazzjoni, huwa wiehed specjalissimu li jippermetti li kawza tigi ezaminata ghat-tielet darba. L-organizazzjoni ta' l-ordni giudizzjar-ju fl-istruttura taghna hija ta' zewg gradi - prim' istanza u appell - mentri r-ritrattazzjoni tintroduci t-tielet grad bhala mizura eccezzjonalissima ntiza principalment biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu jew sfuggew l-ezami l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issopravvenew, **basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma jkunu dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni.** Vol LXXV11 p1 p 276.

Fil-kaz in ezami jekk kien hemm xi zball dak kien in-nuqqas da parti ta' l-attrici li tiehu hsieb li tottempera ruhha ma l-ordni tal-Qorti. Kien id-dover taghha li tikkuntattja lill perit biex tara x'xoghol ta' tiswija u manutenzjoni kellu jsir. Dak li qed tilmenta minnu l-attrici kien kollu dovut ghan-negligenza procedurali taghha.

Dwar it-tieni sottomissjoni ta' l-attrici li kienu l-konvenuti li kkonfermaw l-inadempjenza taghha u mhux il-perit u li s-sentenza inghatat fl-assenza tal-perit, il-Qorti tirrileva li ma kienx necessarju ghal-validita' tas-sentenza li l-perit ikun prezenti ghas-seduta billi l-konvenuti kienu f'posizzjoni li jikkonfermaw li x-xoghol ma sarx u li l-flus ma thallsux. Fil-fatt ix-xoghol ma kienx sar u dan ikkonfermatu l-attrici stess, inoltre kienu l-konvenuti biss u mhux il-perit li setghu jikkonfermaw jekk thallsux jew le l-flus.

*"L'errore di fatto, perche' possa aprire l'adito alla ritrattazione, deve risultare dagli atti e dai documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto della dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti, e non relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto e' stato appreso dal giudicante, perche' l'apprezzamento e l'interpretazione del fatto costituiscono l'insindiacabile convincimento del giudice. L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di causalita' collo decisione ed e' necessario che il fatto non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza impugnata."*

**(Ara sentenza Vol XXV11 p 1 p 433 G.Vella Zarb vs A.Bartolo 3.2.30.)**

Fil-kaz in ezami l-Qorti kellha l-fatti kollha quddiemha li fuqhom proceduralment setghet tiddeciedi l-kawza**.** Din il-Qorti ma tidholx fl-apprezzament interpretazione u konkluzzjonijiet taghha fuq il-fatti ghax dawn jikkostitwixxu konvinciment insindikabbli ta' dik il-Qorti.

**DECIZIONI**

Ghal dawn il-motiv l-Qorti tiddecidi prevja li tilqa' t-tielet u raba' eccezzjoni tal-konvenuti, tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**